**Kunsill Lokali Paola**

Ref: 35/6/194/14

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 35**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Ħamis 15 ta' Mejju 2014. Il-laqgħa bdiet fil-5:30pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Viċi Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsilliera Rita Delezio.

Il-Kunsilliera Raymond Attard kien skużat.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

## 1. Minuti

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 34 tas-Sitt Leġislatura**

1.1. Il-Kunsillier Ray Attard, permezz ta' e-mail mibgħuta lis-Segretarju xtaq jikkoreġi punt nru 3.2.12 billi iżid illi huwa ser japprova l-pagamenti sa Euro 260,000 dejjem skond it-tender oriġinali tal-PPP.

1.2. Fuq il-punt numri 1.3 is-Sindku issuġġerixxa illi l-laqgħa li xtaq li ssir il-Kunsillier Steven Axisa, tiġi abbinata mal-laqgħa annwali tal-lokalita li kienet waslet biex tinżamm. Issuġġerixxa li l-Kunsill jiddeċiedi fuq id-data u nibgħatu invit lir-residenti dwar dan. Kien hemm qbil li tintbagħat ittra lir-residenti kollha ta' Raħal Ġdid u ssir referenza li fl-istess laqgħa ser issir konsultazzjoni dwar it-tibdil tal-*one-way*s Il-Kunsill qabel li l-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 3 ta' Gunju 2014 fis-6.00pm.

## 2. Toroq tal-PPP

2.1. Is-Sindku beda din id-diskussjoni billi fakkar illi fil-laqgħa preċedenti il-Kunsill sema l-spjega tal-Perit u kien hemm qbil li tintalab id-direzzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-konklużjonijiet li għamel il-Perit tal-Kunsill. Apparti mill-istess korrispondenza saru ukoll laqgħat mad-Direttur tal-Gvern Lokali dwar dan. L-istess korrispondenzi qed ikunu annessi ma' dawn il-minuti.

2.2. Is-Sindku spjega kif il-Kunsill staqsa lid-Direttur dawn il-mistoqsijiet u irċieva ir-risposti min-naħa tad-Dipartiment kif jidher hawn taħt: *(liema risposti qed ikunu annessi wkoll mal-minuti)*

2.2.1. Jekk il-Kunsilliera jinżammux personalment responsabbli f'każ li l-valur tat-tender jinqabeż b'aktar minn 10%;

*Id-Dipartiment irrisponda illi r-responsabiltà taqa' fuq is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u l-ebda kunsillier m'huwa responsabbli għal dan.*

2.2.2. Jekk id-Dipartiment hux ser japprova in-nefqa li saret dwar dan it-tender u li x-xogħol mibdi jitlesta;

*Iva, id-Dipartiment qed japprova din in-nefqa li saret, dejjem meta din tkun iċċertifikata mill-Perit tal-Kunsill. Dwar din in-nefqa il-Perit iltaqa' mad-Direttur u tah ir-raġunijiet għalfejn saret din l-istess nefqa. Fuq dan l-istess punt id-Direttur saħaq ukoll li huwa mportanti li kull xogħol li hemm mibdi jitlesta sabiex ma jinħoloqx inkonvenjent żejjed għar-residenti.*

2.2.3. U jekk id-Dipartiment (wara kif approvat fil-Kunsill) japprova li l-ammont dovut mid-Dipartiment għas-seba' toroq prinċiparjament ippjanati, jiġux trasferiti għal fuq il-ħamsa li kienu waslu biex jingħalqu.

*Iva, id-Dipartiment jista' japprova li l-fondi allokati mill-istess Dipartiment imorru għal ħames toroq dejjem wara li jkun hemm qbil fl-istess Kunsill. Dan ġara f'Kunsilli oħra u għalhekk lest japplika l-istess ħsieb għall-Kunsill Lokali Paola. Id-Dipartiment ikkonferma wkoll li 30% ta' l-ispejjeż tas-Servizzi jingħataw lura mill-WSC.*

2.3. Fid-dawl tar-risposti tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, is-Sindku kompla billi talab lil Kunsill japprova in-nefqa tat-toroq tal-PPP fuq bażi ta' dak li ċċertifika il-Perit tal-Kunsill wara li l-istess żieda fin-nefqa ġiet ġġustifikata kemm mill-istess Perit kif ukoll mid-Direttur għall-Gvern Lokali. (Fuq l-ewwel tlett toroq hemm spiża ta' madwar €200,000 li minnhom 40% jitħallsu issa u l-kumplament jitħallsu fuq tmien snin skond l-agreement tal-PPP.)

2.4. Is-Sindku talab ukoll li l-Kunsill japprova li jsiru ħames toroq minflok dawk is-seba' oriġinarjament ippjanati u qal ukoll li huwa ser iressaq mozzjoni fejn il-Kunsill Lokali Paola jaqbel illi meta jkunu ser isiru toroq ġodda tingħata prijorità lit-toroq Melita u iċ-Ċimiterju.

2.5. Is-Sindku talab vot għal-dan kollhu msemmi fuq u l-Kunsilliera ivvotaw kif ġej:

2.5.1. Il-Kunsillier **Bernard Lynch** approva.
2.5.2. Il-Kunsillier **Tyrone Muscat** approva u żied ukoll li għanda tingħata importanza lit-toroq li mhux ha jsiru.
2.5.3. Il-Kunsilliera **Rita Delezio** approvat u qablet ukoll li tingħata prijorità lit-toroq Melita u Ċimiterju.
2.5.4. Il-Kunsillier **Steven Axisa** approva dan l-infieq però xtaq jgħid li ma qabilx mal-mod kif ġie ittakiljat il-proġett tal-PPP u jispera li problema bħal din ma terġax tinqala.
2.5.5. Il-Viċi Sindku **Dominic Grima** approva dan l-infieq però xtaq jiċċara għalfejn wasal għal din id-deċiżjoni. Huwa ma qabilx ma qabilx mal-mod kif sar il-proġett tal-PPP. Apparti min hekk sostna li huwa mportanti li l-kuntrattur jitħallas għax jekk dan ma jsirx jitpoġġew problemi ta' multi fuq il-Kunsill. Huwa sostna li huwa mportanti li sitwazzjoni bħal din ma tirrepetix ruħha u kull deċiżjoni importanti titressaq quddiem il-Kunsill.
2.5.6. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li huwa kien irċieva ittra mingħand il-Kunsillier **Ray Attard** li fiha qed jagħti l-opinjoni tiegħu dwar dan, liema ittra qed tiġi annessa mal-minuti.

2.6. Il-Kunsill Lokali għalhekk qabel li n-nefqa tal-PPP tkun approvata kif issa emendata wara li x-xogħol ġie ċċertifikat mill-Perit tal-Kunsill u li meta jkunu ser isiru toroq ġodda tingħata prijorità lit-toroq Melita u Ċimiterju.

2.7. Is-Sindku ikkonferma li x-xogħol fi Triq Nazzarenu ser jitkompla tul din il-ġimgħa.

## 3. Tenders

3.1. Is-Segretarju informa lil Kunsill illi l-bord tat-tenders magħmul kif deċiż fil-laqgħa preċedenti, iltaqa' fit-12 ta' April sabiex jiddiskuti dwar dawn it-tlett tenders:

*3.1.1.* Tender 1/14: *Ironmongery Supplies.* Għal dan it-tender kien hemm żewġ offerti validi u oħra li mhux valida minħabba li ma kellhiex Bid Bond. Dawn kienu:

| | Bidder | Prezz | |
|---|---|---|---|
| T1 | Gordon Bugeja | Schedule of Rates | |
| T2 | Chris Demarco | Schedule of Rates | Mhux validu |
| T3 | Claire Fenech (Domlite) | Schedule of Rates | |

Il-Bord tat-tenders issuġġerixxa li t-tender jingħata lil Claire Fenech (Domlite) u l-Kunsill Lokali approva. *(Rapport ta' Evalwazzjoni anness mal-Minuti)*

3.1.2. Tender 2/14: *Upkeep and Maintanance of Soft Areas.* Għal dan it-tender kien hemm tlett offerti validi li kienu:

| | Bidder | Prezz |
|---|---|---|
| T1 | ELC | Euro 49,000/year |
| T2 | Salvu Mifsud | Euro 39,000/year |
| T3 | Wilson Mifsud | Euro 38,900/year |

Is-Segretarju informa lil Kunsill li fuq dan it-tender il-bord ma wasalx għall-konklużjoni tiegħu u ser ikompli jiddiskuti dan it-tender f'laqgħa oħra tal-Bord.

3.1.3. Tender 4/14: *Service of Bulky Refuse.* Għal dan it-tender kien hemm tlett offerti validi li kienu:

| | Bidder | Prezz |
|---|---|---|
| T1 | Alfred Cutajar | Euro 150.00/week |
| T2 | Elaine Bezzina | Euro2.18/household call (max 6 items /call) |
| T3 | C. Bezzina | Euro 1.55/household call |

Il-Bord tat-tenders issuġġerixxa li t-tender jingħata lil Alfred Cutajar u l-Kunsill Lokali approva. *(Rapport ta' Evalwazzjoni anness mal-Minuti)*

**Kunsill Lokali Paola**

## 4) Skeda ta' Pagamenti

4.1 Fuq l-iskeda tal-pagamenti il-Kunsillier Bernard Lynch staqsa dwar il-flus li qed jintefqu fuq il-maintenance tal-Van. Huwa qal li qed jintefqu ħafna flus f'xogħol fuq il-Van. Il-Kunsill qabel illi l-ħaddiema għandom jagħtu ħafna aktar attenzjoni lil dan il-Van speċjalment fejn jidħol tindif u manutenzjoni.

4.2 Il-Kunsill Lokali beda jiddiskuti wkoll il-possibilità li jinkera van ġdid jekk l-ispejjeż tal-Van jibqgħu telgħin b'mod eċċessiv.

4.3 Is-Sindku ġibed ukoll l-attenzjoni tal-membri dwar il-pagamenti fl-iskeda numri 180 u 181, fejq qali li dawn huma relatati mal-proġetti ta' l-Unjoni Ewropea li l-Kunsill Lokali għaddej bihom bħalissa u għalhekk dawn il-flus ser ikunu *refunded* lura lil Kunsill aktar il quddiem.

## 5) Ħwejjeġ oħra

5.1 Hawnhekk l-ambaxxatur taż-żgħażagħ Neil Tirchett xtaq iżid illi billi is-Sajf qed joqrob ikun tajjeb jekk isiru attivitajiet għal ħafna żgħażagħ li jkunu bil-vaganzi bħal *Exchanges* u affarijiet oħra. Għal dan is-suġġeriment il-Kunsilliera ħeġġew lil ambaxxatur sabiex fil-laqgħa li jmiss jissuġġerixxi numru ta' attivitajiet li l-Kunsill Lokali Paola jista' jorganizza għal dawn iż-żgħażagħ.

## 6) Aġġornament

6.1 Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7.20pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 17 ta' Ġunju 2014,

Approvati llum 17 ta' Ġunju 2014.

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Roderick Spiteri
Sindku